MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Numru 708/1997

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

Marco Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Marco Attard ta' karta ta' identita' numru 363073(M) akkuzat talli fit-12 ta' Frar 1997 u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg, u cioe' partijiet minn vettura numru ta' registrazzjoni AEC 207, gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi Lm1000;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAE 737.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali li rrimetta l-atti tal-kompilazzjoni lil din il-Qorti sabiex tiddecidi jekk hemmx htija fl-imputat ghab-bazi tal-Artikolu 334 tal-Kodici Civili;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza titkompla tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda inkluzi dawk prodotti mid-difiza u lill-imputat bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b'ricettazzjoni.

Issa mill-provi jirrisulta li x-xoghol principali tal-imputat hu dak ta' "panel beater". Hu wkoll fatt innegabbli, ammess ukoll mill-imputat, illi huwa kien effettivament xtara xi parts minghand certu John Bugeja bl-intenzjoni li jarmhom fuq il-van ta' proprejta' tieghu numru ta' registrazzjoni IAE-737 li ried jikkonverti ghal trukk tal-irmonkar. Skond ir-relazzjoni tal-espert tekniku nominat fl-inkjesta x-xoghol ta' konversjoni, li mhux kontestat li kien sar, gie spjegat filli l-kompartiment ta' wara tat-trukk, jigifieri mis-'side loader door' lura, gie maqtugh u thalliet il-pjattaforma tieghu li fuqha gie armat apparat komplut u funzjonabbli – dak li komunement jissejjah 'nuccali'. Il-kwerelant allega li dan in-nuccali kien ta' proprjeta' tieghu u kien arnmat fuq 'Tow Truck' ta' tip Mercedes, li wkoll kien tieghu, u kien insteraqlu b'kollox. Difatti l-kwerelant allega wkoll illi armat fil-van tal-imputat kien gharaf, apparti in-'nuccali', ir-'rear axle' u r-rota ta' wara ta' barra tad-'double wheel' li gja kienu fuq il-van Mercedes tieghu. Dan il-fatt tas-serqa tal-

van Mercedes, li kellu numru ta' registrazzjoni AEC-207, jirrisulta sodisfacjentement ippruvat mill-provi in atti minn liema jirrisulta wkoll li kien insteraq fil-11 ta' Jannar 1987.

Illi, ghalhekk, l-fatti certi, li jirrisultaw ukoll ippruvati, apparti li mhumiex ikkontestati, huma: s-serq tal-van Mercedes, numru ta' registrazzjoni AEC-207 , li kien adebit bhala 'tow-truck', proprjeta' tal-kwerelant; l-fatt tat truck adebit ghal istess skop bin-numru ta' registrazzjoni IAE-737 proprjeta' tal-imputat; u l-fatt li fuq dan l-ahhar trukk kien hemm 'nuccjali', 'differential' u rota, kif fuq spjegat, li l-imputat ma cahadx li kien armahom hu fuq l-imsemmi trukk tieghu. Anzi zied jghid li kien xtrahom bil-prezz ta' Lm350 minghand l-imsemmi John Bugeja li sfortunatament ma giex intraccat biex jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi kemm fid-dawl tal-akkuza riportata kontra l-imputat u l-provi prodotti hu eskluz b'mod assolut li l-imputat kellu x'jaqsam mas-serq tal-affarijiet li nstabu armati fuq it-trukk IAE-737 ta' proprjeta' tieghu, b'referenza ghall-liema affarijiet, u konsiderati l-provi, hu lecitu u ragjonevoli jinghad li kienu l-istess affarijiet gja effettivament armati fuq il-van Mercedes proprjeta tal-kwerelant u kwindi ta' proprjeta' ta' dan.

Illi ghalhekk huwa l-pussess tal-impuat tal-imsemmija affarijiet li ghandu jigi ndgat fis-sens jekk dan il-pussess kienx wiehed suspettuz f'misura li kien jippersisti d-dolo, ossija is-scienza, fl-imputat permezz ta' liema tista' treggi l-akkuza kontra tieghu. Fil-kaz in ispecie din is-scienza ghandha tigi recerkata u stabbilita fil-konkors ta' cirkostanzi estrinsici b'tali mod li d-dubbju per se ma joperax sbiex treggi l-akkuza.

Illi mill-provi prodotti m'hemm xejn li jista' sodisfacjentement iwassal ghal-konvicju tal-imputat cioe' li huwa kien jaf jew seta' kien jaf li l-oggetti kienu provenjenti minn serq. Il-prezz fih innifsu ma joffri ebdea indikazzjoni f'dan il-kuntest anzi fil-fehma konsiderata tal-Qorti kien wiehed ragjonevoli ghall-oggetti ta' 'sekonda mano' b'ragg ta' zmercjalita' ristretta. Lanqas, tenut kont

tan-natura tal-oggetti, mhu ta' ebda rilevanza l-fatt tal-pussess recenti 'multo magis' meta l-imputat offra spjegazzjoni kredibbli u plawsibbli ta' kif l-oggetti akkwistahom. Wiehed ma jridx jinsa li minghand minn gew akkwistati l-oggett kien klient tieghu u kien jopera fis-settur tal-karozzi u jsewwi ghand l-imputat.

Inghad dan ghalhekk tiddecidi l-kawza billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuzi kontrih dedotti u konsegwnetement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Stante li mhux qeghdha ssib htija fl-imputat mhux ser tordna l-konfiska tal-vettura IAE 737, li ghandha ghalhekk tigi ritornata lill-imputat salv kull azzjoni spettenti lid-derubat ghar-rivendita ta' l-affarijiet meritu dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------